



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

12801/22

LIMITE

CORLX 849
CFSP/PESC 1235
RELEX 1242
COEST 686
FIN 965

Fajls Interistituzzjonali:
2022/0055 (NLE)
2022/0316 (NLE)

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2022/263
dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux
ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-
deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

**li jemenda r-Regolament (UE) 2022/263 dwar miżuri restrittivi
b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern
tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk
u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/266 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni¹,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 42I , 23.2.2022, p. 109.

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/263¹ jagħti effett lil miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2022/266.
- (2) Fi ... 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/...²⁺ li temenda t-titolu tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/266 u testendi l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tar-restrizzjonijiet li jinsabu fiha biex ikun ikopri ż-żoni kollha mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna fl-oblasts ta' Donetsk, Kherson, Luhansk u Zaporizhzhia. Il-kuntest politiku u r-raġunijiet ta' politika għall-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restrittivi huma stabbiliti fil-premessi għad-Deċiżjoni (PESK) 2022/....⁺⁺
- (3) Dawk l-emendi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u għalhekk hemm bżonn tittieħed azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni biex jiġu implimentati, b'mod partikolari bl-intenzjoni li tiġi ggarantita l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha.
- (4) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2022/263 jiġi emendat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/263 tat-23 ta' Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni (ĠU L 42I, 23.2.2022, p. 77).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/...ta'... li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/266 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għar-rikonoxximent taż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-oblasts tal-Ukrajna ta' Donetsk u Luhansk u d-deċiżjoni li jintbagħtu l-forzi armati Russi f'dawk iż-żoni (ĠU L ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni u n-numru għal ST 12799/2022.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal n-numru għal ST 12799/2022.

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2022/263 huwa emendat kif ġej:

(1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/263 tat-23 ta’ Frar 2022 dwar miżuri restrittivi b’reazzjoni għar-rikonoxximent, l-okkupazzjoni jew l-annessjoni illegali mill-Federazzjoni Russa ta’ ċerti żoni tal-Ukrajna mhux ikkontrollati mill-gvern”;

(2) fl-Artikolu 1, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) “territorji speċifikati” tfisser iż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern tal-Ukrajna fl-oblasts ta’ Donetsk, Kherson, Luhansk, u Zaporizhzhia;”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President